MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 1319/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edmond Cuschieri]**

**vs**

**Silvio Camilleri**
**Reuben D' Amato**

**Kumpilazzjoni Numru: 1319/2010**

**Illum 19 ta' Lulju 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Silvio Camilleri,** ta' 26 sena, bin Carmel Camilleri u Gemma Camilleri , imwieled fl-10 ta' Marzu, 1984,

residenti fil-fond numru 17 St Michael Flat 3 Triq il-Flotta Gzira u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 163884(M); u

**Reuben D’ Amato**, ta’ 27 sena, bin Bartholomew D’Amato u Emanuela Mallia, imwieled fit-22 ta’ Gunju 1983, residenti fil-fond numru 81 Alexander Court Flat 1, Triq Luqa Briffa, Gzira u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 342883(M)

Akkuzati talli nhar id-9 ta’ Dicembru 2010 f’ xi hin bejn l-4.30pm u s-6.00pm minn gewwa l-Qawra Inn Hotel li tinsab fi triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta’ diversi affarijiet fosthom portable DVD Player, telefon cellulari tal-ghamla Motorola, nuccali tal-vista’, hair dryer, hair straightener u xi costume jewellery minn gewwa l-kamra bin-numru 533 ta’ l-imsemmija hotel, liema affarijiet ghandhom il-valur kumplessiv li jeccedi is-somma ta’ €232.94, liema serq sar ghad-dannu tal-konjugi James u Dorothy Muldoon u jew persuni ohra u liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz ai termini tal-artikoli 261, 263(a) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara teccedi l-valur ta’ €116.47 imma hija anqas minn €1164.69 u li saret ghad-dannu tal-Qawra Inn Hotel u jew persuni ohra u dan ai terminu tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Silvio Camilleri wahda akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi rrenda ruhu bhala recidiv skond diversi sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Reuben D’ Amato wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi rrenda ruhu bhala recidiv skond diversi sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Reuben D' Amato wahdu akkuzat ukoll talli kiser provediment taht l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, moghtija lilu f' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta nhar it-28 ta' Lulju 2010 mill-Magistrat Dr L Quintano LL.D.

Reuben D' Amato wahdu akkuzat ukoll talli kiser provediment taht l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, moghtija lilu f' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta nhar it-28 ta' Lulju 2008 mill-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D.

Reuben D' Amato wahdu akkuzat talli kiser provediment taht l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, moghtija lilu f' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta nhar l-1 ta' Gunju 2009 mill-Magistrat Dr D Clarke LL.D.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li biha baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;
lill-imputat **Silvio Camilleri** kif mahsub fis-segwenti artikoli;
a) 261, 263(a), 264, 267, 278(1)(2), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

u lill-imputat **Reuben D'Amato** kif mahsub fis-segwenti artikoli;
a) 261, 263(a), 264, 267, 278(1)(2), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 22(1) u 23(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li z-zewg imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fit-23 ta' Jannar 2012 kull wiehed mill-imputati ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda kull wiehed minnhom ikkontesta l-aggravju tal-valur f'l-ewwel imputazzjoni u cioe dik ta' serq.

Rat il-pre-sentencing report ta'l-ufficjal tal-probation Maryln Attard fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum meta il-partijiet qablu li l-Qorti Kompetenti diga trattat ma'l-imputat Reuben D'Amato ghar-reati li taghhom instab hati fit-28 ta' Lulju 2008 u f'l-1 ta' Gunju 2009.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom hlif ghall-aggravju tal-valur f'l-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar l-aggravju tal-valur f'l-imputazzjoni ta' serq il-Qorti tirrileva li l-oggetti misruqa kienu gew esebieti u anke elenkati fid-depozizzjoni ta'l-ufficjal prosekutur. Ghandu jigi rilevat li ghalkemm, kif gustament irrileva d-difensur ta'l-imputat, ma kienx hemm oggetti ta' deheb u fidda (ghaliex kif jghid d-derubat fid-depozizzjoni tieghu l-oggetti li kienu jidhru li huma ta' deheb u fidda fil-verita kienu costume jewellery) dan il-fatt wahdu ma jfissirx li l-valur ta'l-oggetti misruqa ma jeccediex is-somma ta' €232.94.

Illi huwa minnu ukoll li ma ngabet l-ebda stima ta' l-oggetti derubati pero mill-elenku msemmi u minn dak li setghet tara l-Qorti meta kienu qed jigu esebieti l-oggetti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-valur komplessiv taghhom jeccedi €232.94. Ghalhekk l-aggravju tal-valur jirrizulta pruvat.

Illi konsegwentement l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra z-zewg imputati jirrizultaw kif dedotti.

Illi dwar l-imputazzjonijiet ta' ksur tal-probation da parti ta' l-imputat Reuben D'Amato kif jidher mill-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum il-Qorti Kompetenti diga trattat mieghu ghar-reati li taghhom kien instab hati biz-zewg sentenzi mghotija fit-28 ta' Lulju 2008 u f'l-1 ta' Gunju 2009 rispettivament ghalhekk m'hemm l-ebda provvediment iehor li ghandha tiehu din il-Qorti f'dan ir-rigward.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi inflitta fil-konfront ta'l-imputati l-Qorti iddeliberat fit-tul. Il-fedina penali taz-zewg imputati hija wahda refrettarja ghall-ahhar partikolarment dik ta' Silvio Camilleri. Kemm mill-imsemmija fedina penali kif ukoll mir-rapport ta'l-ufficjal tal-probation jidher li fil-prezent l-imputat Silvio Camilleri ghandu kaz iehor pendenti fil-waqt li l-imputat Reuben D'Amatro m'ghandux kazijiet ohra pendenti; it-tnejn  qed jiskontaw l-ahhar perjodi ta' prigunerija minn dawk gia inflitti kontra taghhom.  Jidher ukoll li f'dan l-ahhar perjodu ta' inkarcerazzjoni t-tnejn li huma ghamlu progressi notevoli. Il-Qorti tikkondividi l-preokkupazzjoni espressa mill-ufficjal tal-probation li minghajr ghajnuna u gwida konkreta meta johorgu mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin facilment jista' jintilef il-progress li jidher li qed isir b'mod li z-zewg imputati mill-ewwel jergghu jaqghu ghall-vizzji antiki.

Illi l-uniku mod li permezz tieghu din il-Qorti tista' tghin biex dan ma jigrix huwa billi tilqa r-rakkomandazzjoni ta'l-ufficjali tal-probation u ghar-reati odjerni timponi ordni ta'probation biex meta l-imputati jiskontaw l-ahhar perjodu ta' prigunerija gia impost fil-konfront taghom huma jkollhom l-ghajnuna u l-gwida ta'l-ufficjal tal-probation b'l-ghan li tkompli ir-riabilitazzjoni taghhom anke meta johorgu mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin u b'hekk possibilment tigi facilitate r-rintegrazzjoni fis-socjeta. Naturalment dan irid isir b'kundizzjonijiet cari u inekwivoci li l-imputati jridu jsegwu skrupolozament, inkluz dawk li jiehdu t-trattament kollu li jigi lilhom indikat mit-tobba u/jew konsulenti li jigu indirizzati lejhom mill-ufficjal tal-probation

u li segwu dak il-programm ta' riabilitazzjoni mill-vizju tad-droga li jista' jigi indikat lilhom mill-persuni kompetenti; in oltre huma jkollhom jissottomettu ghal testijiet frekwenti biex jigi assigurat li mhumiex qed jiehdu sostanzi illecieti. Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti l-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhiex titratta ma'l-imputat Reuben D'Amato ghar-reati li taghhom instab hati fit-28 ta' Lulju 2010.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

wara li rat l-artikoli 49, 50, 261, 263(a), 264, 267, 278(1)(2), 279(a), 280(2), 289, u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Silvio Camilleri** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment; u

wara li rat l-artikoli 49, 50, 261, 263(a), 264, 267, 278(1)(2), 279(a), 280(2), 289, u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Reuben D'Amato** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment; il-Qorti taghzel li ma titrattax ma'l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fit-28 ta' Lujlu 2010 u ghalihom gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputati l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fil-perjodu ta' tlett snin u jekk ma joqoghdux ghall-ordnijiet lilhom mghotija.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-direttur ta' l-ufficcju tal-probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------